TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 8/12/GZ

**Carmen C. Cachia**

**vs**

**Rosario Bonnici**

Illum 3 ta' Ottubru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Jannar, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' hames mija tnejn u tmenin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€582.34), rapprezentanti l-prezz li hija hallset lill-intimat ghax-xoghol li sar fuq il-bir taghha, flimkien ma' l-ispejjez li kellha ssofri minhabba l-fatt li tali xoghol sar hazin.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Bhala xoghol, mill-ewwel deher li gej hazin, ghaliex wiehed ma jigix jahdem mis-6:30 ta' filghaxija 'l quddiem, wara gurnata xoghol, b'inkonvenjenza kbira ghar-rikorrenti ghaliex il-bir in kwistjoni jinsab kwazi taht il-kamra tas-sodda taghha. Apparti minn hekk, bhala materjal, il-partijiet kienu ftehemu x'ser jintuza, pero' l-intimat uza materjali differenti. Meta l-intimat lesta x-xoghol, huwa talabha hames mitt Ewro (€500.00) u qalilha sabiex thalli xi erbat (4) ijiem qabel ma timla l-bir bl-ilma. Ir-rikorrenti xtrat bowser ilma ghall-prezz ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25.00), u wara jumejn meta hija marret timla zewg (2) bramel ilma, hija skantat meta rat l-ilma

isfel. Ghalhekk, ir-rikorrenti cemplet lill-intimat, fejn huwa qalilha illi kellha tistenna hmistax (15). Wara dak iz-zmien, hija regghat cemplitlu fejn huwa qallha l-istess kliem.

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata u ghalhekk hija qed titlob l-ammont ta' hames mija tnejn u tmenin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€582.34), rapprezentanti l-ilma li xtrat ghall-prezz ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25.00) u l-hames mitt Ewro (€500.00) li hallset lill-intimat, kif ukoll ta' l-ilma li hija ilha tuza mill-'mains' minn Settembru 'l hawn.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Wara l-ewwel ilment tar-rikorrenti, huwa kien mar fuq il-post sabiex jara x'gara, fejn sab li l-bir kien fih skoss ilma sew, tant illi huwa uza l-istess barmil li kienet qed tuza r-rikorrenti u beda jghollieh go l-ilma stess sabiex hija tkun tista' tara l-kwantita' ta' ilma li kien fih. Pero', ir-rikorrenti baqghet tinsisti li kien hemm ftit ilma, u sabiex l-intimat ma jiksira ma' hadd, huwa kien ftiehem maghha illi kif tbattal l-ilma (billi tuzah), huwa jerga' jmur u jiccekja l-bir. Kif kien hemm, l-intimat pprova jara x'ghandha l-pompa tal-bir, fejn kien jidher car li din il-pompa kienet ilha hafna zmien wieqfa ghaliex anke l-iskrun taghha bil-kemm kien idur bl-idejn.

Wara l-20 ta' Settembru, ir-rikorrenti bdiet iccempel lill-intimat biex tistaqsieh meta kien ser imur u kull darba huwa kien jistaqsiha jekk uzatx l-ilma li kien fih, pero' hi dejjem kienet tirrispondi fin-negattiv. Ghalhekk, kull ma setgha jaghmel l-intimat kien li jibqa' jghidilha sabiex iccempillu wara li tkun uzat l-ilma.

Sadanittant, l-intimat iddecieda li minnflok ikollha tbattal l-ilma billi tuzah, la darba kellha diffikulta' biex taghmel hekk, huwa pprova jilhaq ftehim maghha li jgib bowser ilma huwa stess, ikejjel il-bir, ihalluh erbat (4) ijiem u jerga' jmur ikejlu. Sintendi, jekk l-ilma zamm, l-intimat ippretenda li jithallas, kemm ta' l-ilma, kif ukoll tal-hin li jkun tilef ghal xejn, pero' r-rikorrenti baqghet tinsisti illi l-intimat kellu jmur hemm b'xejn jew ma jmur xejn.

F'dan il-punt, l-intimat hass li bl-ebda mod ma setgha jilhaq ftehim mar-rikorrenti u ghalhekk ma baqax iktar in kuntatt maghha rigwardanti din il-kwistjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat fix-xhieda guramentata tieghu rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi l-intimat ghamel diversi attentati sabiex jghin lir-rikorrenti billi offrielha diversi alternattivi, liema alternattivi r-rikorrenti ghazlet li tinjora kompletament; it-Tribunal jinnota illi ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-prezz tal-bowser ilma, ta' l-ilma li ntuza mill-'mains', jew tax-xoghol hazin li gie allegat mir-rikorrenti. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**